

# Il-Mixja Mużikali Bla Heda tal-Banda San Filep matul 160 Sena

jikteb Philip Agius



L-Għaqda Każin Banda San Filep qiegħda tfakkar għeluq l-anniversarju tal-160 sena ta' ħidma bla heda tagħha proprju f'din s-sena 2011, li ġiet maħtura internazzjonalment bħala s-sena ddedikata lill-volontarjat.

Hu ta' sodisfazzjon kbir għal din l-għaqda mużikali li ċ-ċelebrazzjonijiet festivi ad unur San Filep u l-okkażjoni ġublewitarja tagħha ta' 160 sena, qegħdin isiru proprju f'din is-sena li hija ddedikata lill-volontarjat. Niftakru li l-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851, issa ilha snin mhux ħażin rikonoxxuta uffiċjalment bħala organizzazjoni volontarja mill-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji bin-numru tar-reġistrazzjoni 0037.

Din il-*Filarmonica di San Filippo*, inbniet fuq is-sisien sodi tal-mużiċisti magħrufa Maestro Filippo Galea u warajh Mastru Indrì Borg. Huma kienu mgħejjuna minn Mro. Angelo Galea. Madwarhom bnew għaqda ta' ċittadini Żebbuġin imgħallmin tajjeb fil-mużika. Din il-banda mużikali ladarba kienet twaqqfet bdiet iddoqq u għadha twassal melodiji ferrieħa u marċi kiebja meta jkun meħtieġ sal-lum.

Lill-poplu Żebbuġi, matul il-ġrajja tiegħu, dejjem insibuh jaħdem b'moħħu qabel jiddeċiedi fi proġetti kbar. Din id-darba wkoll fil-qasam mużikali, fil-każ tat-twaqqif tal-*'Filarmonica di San Filippo,'* m'għamilx eċċezzjoni.

## L-Ewwel Xrara

Lil Mro. Filippo Galea, mill-aħħar tas-snin erbgħin tas-seklu dsatax[1] sas-sena 1850, insibuh imdawwar minn għadd ta' ġuvintur dilettanti tal-baned Ingliżi. Hu kien jorganizzalhom it-tagħlim mużikali f'Ħaż-Żebbuġ bil-għajnuna ta' missieru Mro. Angelo Galea. Lil Mro. Andrea Borg ġibduh kmieni lejn din l-iskola tagħhom, meta bħala mużikant mal-Kappella tal-Parroċċa ta' San Filep kien isib il-ħin li jitkellmu magħhom fil-ħin liberu li kien ikollu f'Ħaż-Żebbuġ[2].

Din l-iskola tat-tagħlim bl-istrumenti tal-banda bdiet timxi 'l quddiem. Ħadet sehem f'xi festi u kollox wera li kienet miexja sewwa. Il-fatt li din l-iskola tal-banda daqqet u tħallset fih innifsu hu rikonoxximent tajjeb. Allura dokument li għadu sal-lum jistqarr ġrajjietu.

Meta mbagħad din l-iskola mużikali waslet fil-milja tagħha, ma' Filippo Galea, fuq quddiem tal-lista ta' ċittadini Żebbuġin, organizzaturi u numru ikbar ta' aljievi promettenti, insibu lil Gaetano Attard, Michele Borg, Giuseppe Balzan, Antonio Pisani, Gioacchino Mallia, Michelangelo Debono, Andrea Borg u oħrajn li ddeċidew li jagħtuha l-isem ta' ġieħ. Sawruha f'soċjetà mużikali ta' banda li bdiet topera taħt l-isem uffiċjali ta' *Banda di San Filippo*, iffurmata minn bandisti Żebbuġin. Kien xieraq li huma jgħammduha u jiddedikawha lill-patrun tagħhom, San Filippu, Missier iż-Żebbuġin.

Fl-ewwel kumitat li nħatar f'din l-għaqda tal-mużika ġdida, intgħażel Filippo Galea bħala president u surmast direttur tal-*Banda di San Filippo* u l-Arċipriet Dun Francesco Saverio Vassallo ntgħażel bħala l-kappillan spiritwali tal-Għaqda.

Il-*Banda di San Filippo*, hekk b'dan l-isem, daqqet għall-ewwel darba b'mod uffiċjali fis-

sena 1851. Proprju fil-jum tat-12 ta' Mejju, nhar San Filep, il-Banda akkumpanjat il-purċissjoni li ħarġet mill-Parroċċa Arċipretali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ.

Din ma kinitx banda mużikali tal-okkażjoni li titlaqqa' minn individwu u wara tisparpalja. Infatti nsibu prova ta' dan meta ftit tal-ġimgħat wara, din il-*Banda di San Filippo,* fit-tieni Ħadd ta' Ġunju 1851 ġiet mistiedna tippartecipa għall-okkażjoni tal-festa tal-Madonna l-*Beata Vergine*, taħt it-titlu tal-Karità[3] f'Ħaż-Żebbuġ ukoll. Il-*Banda di San Filippo* ntlaqgħet tajjeb ħafna mid-diriġenti ta' din il-fratellanza li ħallsuha ta' dan is-servizz mużikali tagħha u komplew jilqgħuha fis-snin ta' wara.

Il-poplu Żebbuġi, min-naħa tiegħu, għal darb'oħra apprezza ħafna l-preżenza bid-daqq ferrieħi ta' din il-banda Żebbuġija, li Mro. Filippo Galea sejjes fuq il-mudell tal-baned tas-servizzi Ingliżi li huwa kien jaf tajjeb. Ma kienx kollox ward u żgħar għall-*Banda di San Filippo* u għas-soċjetà tagħha. Prova tan-nar li kellha bilfors tgħaddi minnu din l-Għaqda fil-bidu tan-nieqa tagħha kienet l-assenza minn Malta ta' Mro. Filippo Galea li kellu minn żmien għall-ieħor isiefer mal-banda tax-xogħol tiegħu mas-servizzi Ingliżi. Dan wara li fis-6 ta' Novembru 1851 iżżewweġ u meta l-vaganzi tiegħu ġew fi tmiemhom kien obbligat li jsiefer mal-banda tar-riġment tiegħu, għal ġimgħat u ġieli għal xhur sħaħ.

Mro. Andrea Borg, bħala mużikant ta' esperjenza, imżejjen b'kariżma u ħila kbira fit-tagħlim tal-mużika u tal-istrumenti li kien jippossedi, ġie maħtur direttur sostitut sakemm jirritorna mill-ġdid Mro. Filippo Galea. Hekk bil-kuntentizza tal-bandisti kollha daħal imexxi Mro. Andrea Borg.

## L-Ewwel Servizzi

Fi ftit tal-ġimgħat wara waslet l-ewwel stedina li nafu biha. Il-*Banda di San Filippo* kellha tmur iddoqq barra minn Ħaż-Żebbuġ. Ir-raħal li kellu jilqagħha kien iż-Żurrieq għall-festa ta' Santa Katerina.[4] Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni ta' Mastru Indrì Borg. Daqqet hemmhekk b'suċċess tant li baqgħet iddoqq f'din il-festa fis-snin ta' wara.

Il-*Banda di San Filippo* kienet iddoqq kull sena fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju f'Ħaż-Żebbuġ, fost festi oħra. Fis-snin 1852 u 1853, il-Banda għamlet servizzi mużikali fis-serata kif ukoll fil-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna.[5] Issa l-Banda ma baqgħetx limitata biss li ddoqq fil-purċissjonijiet iżda bdiet tagħmel ukoll programmi mużikali. Il-Banda kienet qiegħda tiġi mitluba tippartecipa bil-mużika f'kull festa li kienet tiġi ċċelebrata f'Ħaż-Żebbuġ.

Nhar it-13 ta' Mejju 1856, l-għada tal-festa ta' San Filep, insibu lil Filippo Galea jiffirma u jiddikjara li rċieva 40 skud mingħand il-prokuratur tal-festa ta' San Filep, is-Saċerdot Tommaso Debono f'isem il-*Banda di San Filippo* għas-servizzi mużikali tagħha fil-festa ta' San Filep[6].

Nhar is-26 ta' Marzu 1857, Filippo Galea tħallas ħdax-il skud u sitt tari għas-servizz mużikali li l-*Banda di San Filippo* kienet għamlet fil-ġurnata ta' qabel, fil-festa tal-*Beata Maria Vergine* taħt it-titlu tal-Annunzjata fil-knisja tagħha, fi Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ. L-ispejjeż tal-Banda ġew imħallsa minn żewġ benefatturi. Hekk ukoll kien sar għal-logħob tan-nar. Il-ħlasijiet ġew mogħtija mill-benefatturi ta' din il-festa wkoll[7].

Fix-xahar ta' Mejju 1857, proprju nhar l-14 ta' dan ix-xahar, inqas minn xahrejn wara, nerġgħu niltaqgħu ma' Filippo Galea għal darb'oħra għand is-Saċerdot Tommaso Debono, il-prokuratur tal-festa ta' San Filep jirċievi din id-darba 50 skud mingħandu u jiddikjara u jiffirma li kienu f'isem il-*Banda di San Filippo* għas-servizzi mużikali tagħha, jumejn biss wara li kienet għadha kif għaddiet il-festa tas-sena 1857[8].

Hawnhekk għandna żewġ dokumenti imprezzabbli li fil-fehma tiegħi jonoraw bis-sħiħ lill-Banda San Filep. Kull ma nkiteb qabel u kull ma seta' ġie miktub wara ngħaqad kollu flimkien. Il-ħajja mużikali tal-*Banda di San Filippo* kienet kontinwa taħt id-direzzjoni ta' Mro. Filippo

Galea. Ma kellux għalfejn iniżżel 'Maestro' quddiem ismu. Kien mexxej ġewwa familja ta' ħbieb bandisti, magħruf sewwa f'Ħaż-Żebbuġ. Fin-nuqqas tiegħu l-*Banda di San Filippo* kienet tibqa' f'idejn tajba taħt id-direzzjoni tas-sostitut Mastru Indrì Borg.

Fil-ħlasijiet li Filippo Galea nsibuh jitħallas jumejn biss wara l-festa ta' San Filep tas-sena 1858[9] ġew magħrufa wkoll bi spjegazzjoni perfetta l-kwalitajiet li kienet tesegwixxi mużikalment il-Banda matul il-jumejn ta' festi esterni ta' San Filep kif kienet l-użanza dak iż-żmien. Il-Banda kienet tħallset għall-programm mużikali ta' lejlet il-festa u għas-sehem tagħha meta akkumpanjat il-purċissjoni ta' San Filep. Huma dawn id-dokumenti[10] li ħarġulna l-verità ta' kif ġraw l-affarijiet fil-ġrajja tal-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ.

Biex inkompli nżid ma' dan nikkummenta issa dwar festa speċjali li saret f'Ħaż-Żebbuġ fl-istess sena. Proprju nhar il-5 ta' Settembru 1858 saru ċelebrazzjonijiet kbar ad unur San Gawdenz[11]. Il-festa bdiet mill-knisja filjali ta' Santa Marija ta' Mamo. Hemmhekk kien jinsab l-għadam qaddis ta' San Gawdenz. F'din il-knisja filgħodu saret il-quddiesa kantata bil-paniġierku. Fis-sagħtejn ta' waranofsinhar telqet il-purċissjoni għall-Parroċċa ta' San Filep. F'din il-purċissjoni ħadu sehem il-fratellanzi kollha u numru kbir ta' saċerdoti billi ġew ukoll il-qassisin tal-parroċċi ġirien. Ġewwa l-Knisja ta' San Filep, San Gawdenz ġie milqugħ mill-Arċipriet Naudi mdawwar mill-poplu Żebbuġi jisma' l-mużika tas-Surmast Paolo Nani.

Mal-preparazzjoni ta' dawn iċ-ċelerazzjonijiet ġew inklużi festi esterni. Inxtegħlet il-knisja bit-tazzi taż-żejt. Ġiet mistiedna l-*Banda di San Filippo* taħt it-tmexxija ta' Filippo Galea li ferrħet mhux ftit bl-allegrija tagħha lill-poplu miġbur. Il-festa ta' San Gawdenz għalqet b'wirja ta' logħob tan-nar. Illum lil San Gawdenz nistgħu ngawduh fil-mensola tal-artal ta' San Filep ġewwa l-kor tal-Knisja Parrokkjali.



Meeting politiku f'Misraħ San Filep fis-snin tletin. Fuq il-każin qed tperper bandiera Maltija u ġo nofsha fiha l-Union Jack Ingliż.

## L-Ewwel Każin

Fl-istess żmien tat-twelid tal-*Banda di San Filippo*, il-Gvern Ingliż għal Malta ħatar bħala gvernatur lil William Reid. Dan kien inġibed ħafna lejn iż-Żebbuġin tant li kien ipprovdielhom każin. Din il-ħabta il-Banda di San Filippo kienet tiltaqa' fid-dar li ġġib in-Numru 52 fi Triq il-Parroċċa. Għall-ħabta tas-sena 1856, banda ta' wieħed mir-riġmenti li kien stazzjonat f'Malta kienet bidlet l-uniformi tagħha. B'intervent ma' dan il-gvernatur, is-Surmast Filippo Galea u missieru Mro. Angelo Galea akkwistaw din l-uniformi biex tiġi użata mill-*Banda di San Filippo*. Bi tpattija għal din l-għotja, xi bandisti tal-mestier kienu jmorru jaħdmu r-raba' tal-gvernatur biswit il-Palazz Verdala f'Wied l-Isqof, fil-limiti tal-Buskett[12], ġest li kien ferm għal qalb il-Gvernatur Reid.

Bid-determinazzjoni tal-membri tal-kumitat immexxijin mill-*presidente* tagħhom Michele Borg bejn is-sena 1856 u l-1865, l-Għaqda *Banda di San Filippo* baqgħet miexja 'l quddiem. Jekk qatt kellna xi dubju dwar dan, ir-rakkolta għal xiri ta' sturmenti ġodda li nbdiet nhar il-festa ta' San Pawl tas-sena 1859[13], tispjega l-progress enormi li għamlet l-Għaqda Mużikali tal-*Banda di San Filippo* inġenerali, inkluż il-mixja 'l quddiem tal-iskola tat-tagħlim tal-mużika tagħha li kienet ħajja sewwa.

Infatti l-*Banda San Filippo* sabet ruħha f'każin li ċkien għaliha bħala banda mużikali hekk organizzata waqt il-kunċerti li kienet tasal tagħmel. In-Negozjant Carmelo Zammit li sa mill-bidu kien benefattur kbir tal-Banda ssuġġerixxa li jibda jieħu l-Banda tagħmel il-provi tagħha fid-dar kbira tiegħu li hija ftit tal-passi bogħod minn din id-dar f'Numru 3, fi Triq Manoel. Is-suġġeriment intlaqa' tajjeb u l-Banda bdiet tmur f'din id-dar biex tagħmel il-kunċerti tagħha hemmhekk. Għal bosta snin dan baqa' jiġri għax il-Banda f'din id-dar kienet milqugħa tajjeb ħafna.

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Din l-għaqda mużikali kompliet miexja fil-paċi u l-kwiet. Il-*Banda di San Filippo* issa kienet stabbilita iktar minn qabel fil-festi kollha li kienu jsiru f'Ħaż-Żebbuġ. Hekk pereżempju, nhar it-28 ta' Settembru 1859 insibu lil Filippo Galea[14] jitħallas għas-sehem tal-Banda fil-purċissjoni solenni fil-ġurnata tal-festa tas-solennità ta' Marija Addolorata.

Kienet kisbet esperjenza mhux żgħira li daħħlet lill-Għaqda tal-*Banda di San Filippo* fil-prospettiva ta' ġbir ta' fondi mitlub mill-Parroċċa ta' San Filep b'risq l-istatwa l-ġdida[15]. Kif kien mistenni din l-għajnuna mis-Soċjetà tal-*Banda di San Filippo* serviet ta' għajnuna kbira lill-arċipriet, lill-prokuratur u lill-kleru Żebbuġi sa minn Jannar tas-sena 1860[16].

Fis-sena 1860 ukoll Maestro Andrea Borg ħa l-*Banda di San Filippo* f'idejħ. Hu żamm u kompla jibni fuq ix-xogħol tajjeb ta' Mro. Filippo Galea. Introduċa l-metodu tiegħu u kompla jagħtiha statura iktar progressiva bl-inklużjoni dejjem iżjed ta' numru sabiħ tal-aħjar ġuvintur Żebbuġin aljievi u bandisti. B'hekk din il-banda mużikali rebħet l-ammirazzjoni tal-poplu li beda jqisha bħala banda nazzjonali.

## L-Għaqda tkompli tissaħħar

Xi ħaġa oħra li tajjeb insemmuha hawnhekk hija li l-*Banda di San Filippo* ma baqgħetx tiddependi biss fuq is-surmast direttur tal-mument; xi ħaġa li min iqalleb fost il-folji tar-reġistri u jirriċerka l-istorja għandu jikkummenta pożittivament ħafna dwarha. Il-ħlasijiet tas-servizzi mużikali kienu jinġabru minn Gaetano Attard, Antonio Pisani, Mro. Andrea Borg, Gioacchino Mallia, Mikelanġelo Debono u oħrajn. Kollha kienu nies kapaċissimi, li jafu, imdaħħlin fl-amministrazzjoni tas-soċjetà bandistika u wħud kienu wkoll idoqqu fil-banda[17]. L-Għaqda baqgħet mibnija fuq il-banda. Iżda fergħat oħrajn bdew jiżdiedu. Mal-għadd ġmielu ta' nies magħrufa li kienu nkitbu bħala soċi kont issib min jiġbor il-flus biex tinġieb xi banda tas-servizzi tipparteċipa fil-festa ta' San Filep[18]. Oħrajn kont issibhom jarmaw l-artali tal-fratellanzi tal-parroċċa. Kien hemm soċi oħrajn li jagħtu daqqa t'id fl-armar ġenerali tal-knisja matul il-jiem tal-festa ta' San Filep.

Fil-festi ta' barra mbagħad, soċi oħrajn kienu jitilgħu mas-slielem tal-ħbula jarmaw il-faċċata tal-Knisja Arċipretali bit-tazzi taż-żejt biex xħin jidlam idawluha. Kellek ukoll min idawwal it-toroq u jarma l-faċċati tad-djar tan-nies li kienu jikkummisjonaw dan ix-xogħol. Sa minn dak iż-żmien is-soċi li kienu l-aktar magħrufa fl-Għaqda kienu l-ħaddiema fil-qasam tax-xogħol tan-nar u fil-qasam tal-armar. Dan jfisser li fil-Każin tal-*Banda di San Filippo* ma kienx baqa' jingħad biss diskors dwar il-banda iżda wkoll dwar kulma hu meħtieġ fil-festa kollha. F'kelma waħda, l-Għaqda tal-*Banda di San Filippo* saret xirka li żżomm flimkien liż-Żebbuġin kollha.

Intant nhar id-29 ta' Lulju 1863, l-istatwa tal-fidda ta' San Filep waslet Ħaż-Żebbuġ. Il-*Banda di San Filippo* ngħaqdet mal-kotra taż-Żebbuġin u taħt id-direzzjoni ta' Mro. Andrea Borg kompliet tferraħ lill-poplu. Sellmet ukoll lil Luigi Fontana, l-artist tal-istatwa li kien ġie Malta magħha.

Nhar it-8 ta' Mejju 1864 saret it-transulazzjoni tal-istatwa ta' San Filep mill-knisja filjali tal-Madonna tal-Anġli għall-Parroċċa Arċipretali ta' San Filep. Saret b'pompa kbira kif xtaqu l-kleru u l-poplu Żebbuġi. Il-*Banda di San Filippo* esegwiet tliet servizzi mużikali f'dawn il-

festi straordinarji taħt it-tmexxija tas-surmast direttur tagħha Mastru Indrì Borg. Daqqet ukoll għall-ewwel darba innu ġdid "Lil San Filep" kompożizzjoni tal-istess surmast direttur.

Billi wara din il-festa Mro. Andrea Borg ħassu ma jiflaħx ma dderiġiex il-parteċipazzjoni tal-*Banda di San Filippo* fil-festa proprja nhar it-12 ta' Mejju 1864[19]. Kif ġieli kien sar bi proċedura normali, mexxa l-Banda Gaetano Attard, Żebbuġi li kien jaħdem ħafna biex jara l-Banda timxi 'l quddiem. Taħt id-direzzjoni tiegħu, il-*Filarmonica San Filippo* reġgħet għat-tieni darba daqqet l-innu "Lil San Filep" miktub minn Mastru Indrì Borg, fil-ħruġ tal-ewwel purċissjoni mill-Knisja Arċipretali nhar it-12 ta' Mejju 1864 bl-istatwa artistika tal-fidda ta' San Filep.


Il-każin imżejjen għall-festa, kif kien jidher sal-bidu tas-snin ħamsin.

Il-*Banda di San Filippo*, s'issa kienet saret magħrufa sewwa għad-daqq tagħha. Kienet tiġi mistiedna f'għadd ta' festi f'diversi rħula qrib Ħaż-Żebbuġ bħar-Rabat, Ħal Qormi, Ħ'Attard, is-Siġġiewi, Ħal Luqa, Birkirkara, l-Belt Valletta, l-Ibliet tal-Kottonera u oħrajn. Kull fejn kienet tmur iddoqq kienet tħalli impressjoni tajba u tagħmel isem għaliha kif ukoll għal beltna.

Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep, nhar it-12 ta' Mejju tas-sena 1865, Filippo Scerri li kien il-prokuratur tal-Knisja Arċipretali reġa' stampa l-innu "Lil San Filep" kif kien kitbu Mro. Andrea Borg. Dan l-innu kien intgħoġob u l-*Banda di San Filippo* baqgħet iddoqqu għal bosta snin wara. Il-*Banda di San Filippo* f'din il-festa ta' San Filep kellha kompetizzjoni kbira minn banda oħra mistiedna, komposta mill-Professuri tal-'*Hibernia*' u minn oħrajn ċittadini mill-Banda tal-Artillerija Maltija[20]. Il-*Filarmonica San Filippo* ħarġet bl-unuri kollha. Filwaqt li l-Banda kienet taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur tagħha Mastru Indrì Borg, il-ħlasijiet għas-servizzi mużikali rċeviehom Gaetano Attard.

## Maestri di Cappella

F'Ħaż-Żebbuġ, bħal f'kull belt jew raħal ieħor, missirijietna kienu jagħtu importanza kbira lill-funzjonijiet ta' ġol-parroċċa. Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep u festi importanti oħrajn, dawn kienu jkunu akkumpanjati b'mużika mill-aqwa. Issa ġara li l-orkestri ta' Bugeja u Nani, surmastrijiet diretturi magħrufa saru popolari ħafna. F'Ħaż-Żebbuġ għall-ewwel ma jidhirx li kien hemm xi problemi dwar favoriżmu. Jidher li kien hemm l-użanza li kull tmien snin kienet tinbidel l-orkestra. It-tnejn kienu familjari u l-aqwa sodisfazzjon għaż-Żebbuġin kien li jingħata servizz mużikali ta' ġieħ lill-festa ta' San Filep.

F'Malta u allura xejn inqas f'Ħaż-Żebbuġ, madwar dawn l-orkestri nħolqu żewġ partiti. Ma' dawn f'Ħaż-Żebbuġ daħal Maestro Angelo Galea li għal waqt il-pussess tal-Arċipriet Bartolo nhar il-15 ta' Settembru 1864 mexxa l-mużika hu. F'din l-okkażjoni kien żanżan l-antifona "*In Sepulcrum*" li kienet sabiħa ħafna. Wara din il-ġrajja l-kwistjoni dwar l-orkestra waqgħet fuq tliet surmastrijiet: Bugeja, Nani u Galea. Kien intlaħaq ftehim bejn il-Parroċċa rappreżentata mis-Saċ. D. Tommaso Debono, prokuratur tal-festa ta' San Filep u mas-Surmast Angelo Galea biex dan imexxi l-mużika bħala Maestro di Cappella fil-festa ta' San Filep. Iżda nbidel il-prokuratur u malajr spiċċa kollox. Fis-sena 1868 inħatar Maestro Filippo Bugeja bħala *Maestro di Cappella* ta' Ħaż-Żebbuġ u mexxa l-mużika fil-festa ta' San Filep ta' dik is-sena. Mro. Angelo Galea ħass

li din id-deċiżjoni kienet inġurja kontra tiegħu. Għalhekk għamel kawża kontra l-prokuratur il-ġdid, is-Saċerdot D.D. Salvatore Trevisan.[21] Il-*Banda di San Filippo* baqgħet tagħti s-sehem mużikali tagħha fejn kienet tiġi mitluba. Barra minn hekk, kif irtira minn surmast direttur Mastru Indrì Borg, fl-1868, l-Għaqda ħatret lill-istess ibnu, Mro. Giuseppe Borg surmast direttur għall-*Filarmonica San Filippo*.

Is-Soċjetà tal-*Banda di San Filippo* għaddiet minn żmien ta' nkwiet intern minħabba stat ta' firda ġo fiha nfisha. Kien hemm insistenza minn xi wħud li dawk li kienu favur l-orkestra ta' Mro. Paolo Nani jirriżenjaw minn bandisti jew soċi. B'riżultat ta' dan numru ta' membri bandisti u soċi telqu mill-qħaqda tal-*Filarmonica San Filippo*. Hawnhekk tajjeb ngħidu li bejn il-*Filarmonica San Filippo* u l-familja Galea baqgħet tirrenja relazzjoni ta' ħbiberija. Infatti l-iskola tal-Għaqda għall-aljievi ġiet fdata f'idejn Gioacchino Galea. Iktar minn hekk meta Mro. Giuseppe Borg kien indispost ġie mistieden imexxi l-*Banda di San Filippo,* Mro. Filippo ~~(?)~~ Galea bħala surmast sostitut. F'dawk iż-żminijiet għas-servizzi li kienet tesegwixxi l-banda nsibu li kienu jiġbru l-ħlasijiet Gaetano Attard, Mikelanġelo Debono, Antonio Pisani u xi drabi Ġakkinu Mallia.

Fl-1870 il-Papa pproklama lil San Ġużepp bħala l-protettur universali tal-Knisja u f'Ħaż-Żebbuġ, il-fratellanza ta' dan il-qaddis kbir qabbdet lill-*Filarmonica San Filippo* biex tagħmel tliet servizzi mużikali fil-festa li saret f'April ta' dik is-sena. Barra minn hekk anke ħadmet in-nar għal din il-festa.

Fi żmien il-festa tas-sena 1874 iżżanżnet l-istatwa tal-Gran Mastru De Rohan li meta tlesta l-pedistall tagħha bdiet tintrama wara l-palk tal-banda[22]. Kienet il-festa ta' għeluq il-150 sena mill-miġja tar-relikwija nsinji ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ. Il-*Filarmonica San Filippo* għamlet programm mużikali marbut ma' din il-ġrajja. Waqt polemika li nqalgħet dwar il-festi, fil-ġurnal *Corriere Mercantile*[23] nsibu li l-festa ta' San Filep ġiet deskritta bħala waħda mill-kbar. Fid-deskrizzjoni mill-isbaħ tal-festa ta' San Filep, patrun ta' Ħaż-Żebbuġ, ġiet imfaħħra l-festa inġenerali kemm fil-knisja u kemm barra bil-*Banda di San Filippo* bil-ħlasijiet tas-servizzi tal-Banda jirċievihom Gaetano Attard.

## Sehem fil-Festa

Fis-sena 1876 meta kien ġie maħtur Gavino Naudi bħala president tal-Għaqda kien diġà beda jsir il-programm mużikali mill-*Filarmonica San Filippo* ta' kull sena f'Ħadd il-Palm.

Fis-sena 1877, Ħaż-Żebbuġ iċċelebra l-ewwel ċentinarju tiegħu bħala belt. Il-*Filarmonica San Filippo* ngħaqdet mal-poplu Żebbuġi u tellgħet programm mużikali b'tifkira ta' din l-okkażjoni. Gavino Naudi, bħala president għamel riforma fl-Għaqda. L-isem tal-għaqda issa beda jidher *Filarmonica San Filippo Casino Indipendente*. L-Għaqda mużikali marret fuq in-naħa tal-organizzazzjoni tal-festa ta' San Filep. Kien ilha snin li ma baqgħetx titħallas għas-sehem mużikali tagħha matul il-jiem tal-festa. U flimkien mal-membri tal-kleru kienu jieħdu ħsieb in-nar u jarmaw għall-istess festa. Barra minn hekk, l-Għaqda bdiet tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonijiet tal-parroċċa.[24]

Sadanittant fl-1879 Maestro Gioacchino Galea, Żebbuġi u mill-istess familja tas-Surmastrijiet Angelo u Filippo Galea ġie maħtur bħala r-raba' surmast direttur tal-*Filarmonica San Filippo* biex ikabbar in-numru ta' bandisti u jgħolli dejjem iżjed il-livell tal-kunċerti tagħha fil-kwalità.

F'dan iż-żmien l-awtoritajiet ċivili Ingliżi bdew jindaħlu xi ftit iżżejjed fl-organizzazzjoni tal-festi Maltin. Xi membri ekklesjastiċi tal-Kurja Maltija riedu huma wkoll li jsir xi ħaġa dwar il-baned speċjalment għal dawk li kienu jakkumpanjaw fil-purċissjonijiet. Dan ma qata' qatt qalb il-mexxejja tal-baned Maltin li għamlu kemm setgħu biex jikkoperaw mal-awtoritajiet. Il-*Filarmonica San Filippo Casino Indipendente* fis-sena 1885 bidlet id-dar tal-każin tagħha. Marret

fid-dar Numru 273 u 274 (illum *Francois*) fi Strada Reale. Wara li s-soċi u l-bandisti rranġaw id-dar u marru ġo fiha għamlu l-ftuħ tagħha bi programm mużikali li ġibed ħafna nies lejn dan il-każin. Iċċelebraw il-festa ta' San Filep b'solennità kbira u ftit tal-ġimgħat wara, il-Banda Mużikali San Filippu kompliet ferħet liż-Żebbuġin billi wettqet żewġ servizzi mużikali għall-okkażjoni tal-festa tal-*Beata Vergine* taħt it-titlu tal-Karità.



Il-faċċata tal-każin kif intramat għall-okkażjoni taż–żjara tal-Gvernatur Lord Gort fl-1944

Fis-sena 1888, il-*Filarmonika San Filep* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Gioacchino Galea kellha żewġ impenji kbar: il-25 anniversarju mill-miġja tal-istatwa ta' San Filep[25] u ħadet sehem flimkien ma' għaxar baned oħra f'dimostrazzjoni mill-Furjana sal-Belt Valletta favur il-ħatra tal-kunsilliera ġodda fil-Gvern ta' Malta. U lejn tmiem is-sena fil-każin kienu qed isiru l-preparamenti sabiex jittella' t-teatrin għal matul il-ġranet tal-Milied.

Il-festa ta' San Filep tas-sena 1889 kienet waħda mill-aqwa. Issa l-attenzjoni tal-bandisti u soċi tal-*Filarmonica San Filippo* kien fuq ix-xogħol li kien hemm bżonn isir fuq il-palk tal-banda.

L-ewwel palk tal-*Banda di San Filippo* kien sar fl-1859. Fis-snin ta' wara sal-1881, barra mill-palk jissemmew ukoll it-tiżjin u d-dwal tiegħu. Kien ilu jberren f'moħħ il-kleru u d-diriġenti tal-Għaqda *Filarmonica San Filippo* li jaraw il-ħolma ta' palk ġdid għall-banda sseħħ. Kien jonqos id-daqqa tal-imgħallem li jagħmel id-disinn u jmexxi x-xogħol tal-injam mill-mastrudaxxi soċi u bandisti tal-*Banda di San Filippo*. Minn sorsi ta' min jorbot fuqhom jidher li d-disinjatur kien il-pittur magħruf Żebbuġi Lazzaro Pisani. Ix-xogħol wasal fi tmiemu għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep tal-1891. Biex ikun imdawwal tajjeb il-parroċċa kriet 750 misluta tal-kristall li ddendlu mat-tubi tal-gass li kienu jirriflettu f'dawl iktar. Kollox juri li fl-1891 iżżanżan dan il-palk li fostna ż-Żebbuġin hu magħruf bħala 'l-iskorfina' għax kien mibni f'għamla ottangonali[26]. Ix-xogħol fil-ħanut tal-mastrudaxxa u l-armar tiegħu għall-festa ta' San Filep ħa ħsiebu Gaetano Attard. Imbagħad matul il-jiem tal-festa, Calcidonio Attard, 'il-Konzu', li snin wara nsibuh jagħmel parti mill-kumitat tal-Filarmonika San Filippu għamel l-għassa billejl ma' dan il-palk.

Fis-sena 1891 il-Banda Mużikali San Filippu daqqet fl-aħħar jum tat-tridu, lejlet il-festa u f'nharha. Dan ifisser li l-Banda San Filep gawdiet dan il-palk sa mill-ewwel jumejn li żżanżan. F'dik is-sena ħadu sehem magħha fil-festa tliet baned barranin.

Bejn iż-żewġ baned Żebbuġin[27] saru wkoll diversi arranġamenti. Intlaħaq ftehim sabiex mill-1892 iż-żewġ għaqdiet jibdew jalternaw bejniethom fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Niftakru li l-Filarmonica San Filippo kienet ilha takkumpanja waħedha din il-purċissjoni għal madwar 40 sena.

Ġie miftiehem ukoll li lejlet il-festa ta' San Filep idoqqu ż-żewġ baned Żebbuġin. Ftehim ieħor kien li l-Filarmonica San Filippo tagħti s-servizz mużikali tagħha nhar jum il-festa ta' San Ġużepp. Dan il-ftehim jidher li kien inżamm sas-sena 1904.

Nhar is-Sibt 3 ta' Marzu 1894, il-*Filarmonica San Filippo Casino Indipendente* bidlet id-dar tal-każin tagħha u marret f'Numru 54 fi Strada Parrocco. Quddiem dan il-każin, il-*Filarmonica*

*San Filippo* tgħellet programm mużikali famuż li ġie segwit minn ħafna nies. Il-fondi li kienu nġabru waqt din l-attività marru għall-bżonnijiet tal-Banda u għall-festa ta' San Filep. Fil-bidu tal-1894 inbidel il-president u minflok Gavino Naudi ġie elett Carmelo Zammit. Wara l-festa nbidel ukoll is-Surmast Direttur Mro. Gioacchino Galea wara ħidma daqstant kbira. Minn floku sar Surmast Direttur Mro. Salvatore Mallia li mexxa l-*Banda di San Filippo* għal ħames snin. Fi żmien dan is-surmast barra mill-programmi kbar li wettqet il-Banda fil-festa ta' San Filep, daqqet ġewwa l-Birgu lejlet il-festa ta' San Lawrenz tal-1896. Il-*Banda di San Filippo* ħadet sehem fi sfilata għall-okkażjoni tal-ġublew tad-djamanti tar-Reġina Vittorja.

Fis-sena 1899 sar surmast direttur tal-*Filarmonica San Filippo* Mro. Alessandro Agius. Nhar il-21 ta' April 1899 mexxa l-programm mużikali għall-okkażjoni ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ. Ftit tal-ġimgħat wara mexxa programm ieħor f'San Filep.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin inħatar president ġdid, Angelo Chircop u miegħu ġiet inawgurata bħala każin id-dar bin-Numri 259 u 260 fi Strada Reale, b'pompa kbira u bis-sehem tal-*Filarmonica San Filippo* (illum l-indirizz huwa 23, Misraħ San Filep.) Fis-sena 1901 il-Filarmonika San Filep daqqet fil-funeral tal-fundatur tagħha Mro. Filippo Galea flimkien mal-Banda De Rohan. Imbagħad għall-okkażjoni tal-inkoronazzjoni tar-Re Dwardu VII il-Banda Mużikali San Filep esegwiet programm mużikali li ħoloq ħafna briju quddiem il-każin.

Billi d-diriġenti tal-Għaqda *Filarmonica San Filippo* kellhom f'moħħhom diġà li jġibu bħala surmast direttur lil Mro. Angelo Melilli, meta s-Surmast Alessandro Agius irtira minn surmast direttur fil-bidu tas-sena 1903, warajh għal ftit tax-xhur sar surmast Spiridione Zammit li nhar it-22 ta' Marzu 1903 mexxa programm mużikali b'tislima lil Mro. Andrea Borg. Hawn Mro. Salvatore Mallia ġie mgħajjat imexxi l-Banda mill-ġdid. Nhar is-27 ta' Settembru 1903 ħa l-Banda San Filep flimkien mal-Banda Nicolina tas-Siġġiewi fuq Tal-Għolja biex jagħmlu programm mużikali flimkien fit-twaqqif u t-tberik tas-salib minn Monsinjur Isqof Gaffiero.

F'dawk is-snin, il-Filarmonika San Filep kienet tipparteċipa kull sena mużikalment fil-festa tad-Duluri. L-istatwa tal-Beata Vergine tad-Duluri waslet Ħaż-Żebbuġ minn Lecce fis-sena 1904. F'dik is-sena wkoll il-Banda San Filep tat servizz mużikali f'din il-festa. Imbagħad għas-sentejn ta' wara kien sar ftehim bejn iż-żewġ baned tar-raħal. Fl-1905, il-Banda San Filep daqqet fil-purċissjoni u l-oħra lejlietha waqt li fl-1906, il-Banda San Filep daqqet lejliet il-festa. Fis-sena 1907 il-Banda San Filep daqqet kemm lejlietha u fil-purċissjoni.

## Aktar Dixxiplina

Fis-sena 1904 sar surmast direttur tal-Filarmonika San Filep, is-Surmast Professur Angelo Melilli. L-Għaqda pprovidietlu dar Numru 290 fi Triq il-Kbira fejn kien joqgħod mal-familja tiegħu. Sa mill-ewwel ħinijiet f'Ħaż-Żebbuġ beda jieħu interess kbir fl-iskola tal-aljievi tal-Banda San Filep. Fi ftit tax-xhur ikkompona "*Inno A San Filippo.*" Hu għadda wkoll lill-Banda San Filep il-marċi funebri tiegħu. Issa l-Banda San Filep bdiet tagħmel tliet servizzi mużikali matul il-jiem tal-festa ta' San Filep. Melilli daħħal iktar dixxiplina fil-Banda, kiteb bosta xogħlijiet mużikali u innu ieħor "*Omaggio A San Filippo.*" Il-Banda San Filep kompliet tkabbar is-sehem tagħha fil-festi barranin li kollha kienu jiġbdu l-ammirazzjoni bil-kwalità għolja tas-servizzi mużikali tagħha.



Dun Luret Callus, president tal-Każin Banda San Filep jippreżenta x-xabla tal-unur lil Lord Gort

Mro. Angelo Melilli rtira minn surmast direttur fis-sena 1911. Fit-22 ta' Ġunju 1911, fost 22 banda jdoqqu marċijiet mill-Furjana sal-Belt Valletta għall-inkoronazzjoni tar-Re Gorg V u r-Reġina Marija kien hemm ukoll iddoqq il-Banda San Filep. Issa mal-Banda San Filep inħatar biex imexxiha surmast kbir ieħor, Mro. Alfred P. Hare, li kompla mal-Banda b'xogħlijiet mużikali mill-aqwa msarrfa f'eżekuzzjonijiet mifruxa ma' ħafna bnadi u li ġibdu ħafna ammirazzjoni lejha.

Imma f'Ottubru 1911 tilfet lill-mibki president tagħha Carmelo Zammit. Il-Banda San Filep tatu t-tislima aħħarija bl-akbar mod xieraq. L-Għaqda fi ftit tal-ġimgħat ħatret bħala president lil Giuseppe Cilia, kuntrattur. Fi ftit tal-ġimgħat hu għaqqad bi ftehim is-Soċjetà Orkestrali taż-żgħażagħ *La Stella Levantina* mal-Għaqda *Filarmonica San Filippo*. L-Għaqda fl-istess sena marret ġo post ġdid bl-indirizz li dak iż-żmien kien 254, fi Strada Reale, imma llum huwa 17, f'Misraħ San Filep.

Fis-sena 1913 l-Għaqda Filarmonika San Filep ħadet sehem fil-Kungress Ewkaristiku.

Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep ġie ċċelebrat għeluq il-50 anniversarju mill-miġja tal-istatwa ta' San Filep ġo raħalna.

Fis-snin ta' wara mexxa l-Banda San Filep Mro. Mikiel Gatt li ħalla ħafna xogħol mużikali lill-Banda. Imbagħad fl-1919 Mro. Orlando Crescimanno nħatar surmast direttur. Fil-ftit xhur li dam mal-Banda San Filep irregala lill-Għaqda *"Inno A San Filippo"* mill-isbaħ; innu twil ħafna li għadu jinqadd kull sena waqt il-programm annwali ta' lejlet il-festa mill-Banda San Filep.

Hawn iż-żagħżugħ Adeodato Gatt sar surmast tal-Filarmonika San Filep fejn dam jidderieġi lil din il-Banda 41 sena. M'hemmx kelma toqgħod iktar milli ngħidu li Mro. Adeodato Gatt sar biċċa waħda mal-Banda San Filep. Il-ġrajjiet li twettqu minn din l-Għaqda sal-1962 kienu mill-ikbar. Tibda miċ-ċelebrazzjonijiet tal-mitejn sena mill-miġja tar-relikwa fl-1924 u tispiċċa fil-festa kbira t'għeluq il-110 snin mit-twaqqif tal-Banda San Filep fl-1961.

Qabel inkompli fuq żmien Mro. Adeodato Gatt, tajjeb li wieħed jispjega għaliex il-Banda San Filep ma ċċelebratx il-100 sena mit-twaqqif tagħha fl-1951. Dan għaliex meta kienu qegħdin isiru l-preparamenti biex jiġi ċċelebrat il-mitt anniversarju mit-twaqqif tal-Banda li sa dak iż-żmien kien maħsub li kienet twaqqfet fl-1860 u għalhekk l-anniversarju kien jaħbat fl-1960, tfaċċaw quddiem il-kumitat eżatt fis-26 ta' Jannar 1960, dokumenti awtentiċi li juru li fil-fatt il-Banda San Filep kienet twaqqfet fl-1851 min Mro. Filippo Galea. Allura l-kumitat ma kellux alternattiva ħlief li jistenna s-sena ta' wara biex jiċċelebra issa il-110 anniversarju, kif fil-fatt sar u li huwa msemmi hawn fuq.

## Dar u Każin Ġdid

Mela nerġa' ndur mill-ġdid fuq is-surmast direttur Adeodato Gatt li fiż-żmien bikri tiegħu ra lill-Għaqda Każin Banda San Filep timxi mill-każin f'Numru 17, għal post fi 12, Misraħ San Filep fejn għadha sal-lum. Hu kien jiftakar il-ħatra ta' dawn il-presidenti: Dr. Pietro Paolo Galea, Dr. Philip Farrugia, Rev. Alexander Zammit, Rev. Loreto Callus, Prof. Philip Farrugia, l-Imħallef Dr. Oliver Gulia u Dr. Joseph G. Borg. Il-programmi meqjusa kbar u li għamlu isem lill-Banda San Filep kienu bosta. Insemmi ftit minnhom: fl-Empire Day tal-1928; f'Sant'Anton fl-24 ta' Ġunju 1929, fil-11 u fit-12 ta' Mejju 1935 għall-inkorazzjoni tar-Re Ġorġ VI f'Ħaż-Żebbuġ u fil-Belt Valletta; fis-26 ta' Settembru 1937 it-tieni ċentinarju mit-twelid ta' Dun Mikiel Xerri; f'Mejju 1938 il-75 sena mill-wasla ta' l-istatwa ta' San Filep; fil-15 ta' Mejju 1947 jiżżanżan il-palk preżenti, fit-12 ta' Mejju 1944 fl-għoti tax-xabla tal-unur lil Lord Gort Gvernatur ta' Malta fil-gwerra; fid-9 ta' April 1955, il-Banda San Filep sellmet lill-erba' membri tagħha li kienu ħallew ħajjithom fit-traġedja tal-kamra tan-nar li saret fis-7 ta' April 1955 proprju f'Ħamis ix-Xirka u fit-13 ta' Novembru 1955 sar il-ftuħ tal-Każin San Filep wara r-rikostruzzjoni tal-



Il-Prim Ministru Dom Mintoff u l-Arċisqof Mikiel Gonzi mal-Kumitat u l-Arċipriet Lawrenz Zammit fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-bini mill-ġdid tal-każin f'Novembru 1955

ewwel estensjoni tal-bini tal-każin, ftit wara li kienet infetħet Triq Sciortino. Fl-1962 irtira minn surmast direttur wara li ħalla ħafna xogħol mużikali lill-Filarmonika San Filep. Surmast li ismu ma jista' jintesa' qatt għall-bosta marċi sbieħ li kiteb u li ħafna minnhom għadhom popolari sal-lum. Fosthom insemmu l-innu u marċ meraviljuż "Lir-Rebbiegħ ta' Aġġira" (1947), "Ferħanin" (Joyful Day 1949), "F'Misraħ San Filep" (1954) u naturalment l-"Innu tal-Banda" (1928).

Ma nistax inħalli barra l-aktar storja ta' niket għall-Għaqda meta fis-7 ta' April 1955, taret il-kamra tan-nar. X'kienet ir-raġuni li saret din id-disgrazzja ħadd ma jaf, imma x'aktarx li l-firda li kien hemm fis-Soċjetà dak iż-żmien ma kinitx ta' għajnuna biex l-affarijiet fil-kamra tan-nar isiru bil-galbu li jixraq f'post hekk ta' periklu. Il-kumitat ta' dak iż-żmien ma setax jaċċetta ċerti affarijiet li tħallew isiru mill-kumitat preċedenti. Mar il-Qorti biex issir ġustizza mal-membri tas-Soċjetà. Il-kawża ċivili kienet twaqqfet meta fuq insistenza tal-Arċipriet Dun Lawrenz Cachia, il-parti l-oħra ħallset somma ta' flus miftehma u l-ispejjeż legali. Kien hemm min ħa l-opportunità mill-qasma politika li kienet teżisti f'Malta f'dawk is-snin sabiex tgħaddi tiegħu. F'ċirkustanzi hekk diffiċli bħal dawn seħħet il-firda ġewwa l-Każin San Filep li wasslet għall-ftuħ ta' każin ieħor Filippin f'Ħaż-Żebbuġ. Minn xi snin 'l hawn il-Kurja ma baqgħetx toħroġ permessi simili għax indunat li l-firda fil-lokal mhix tajba.

B'danakollu l-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851 kompliet tikber u tikber kemm fin-numru akbar ta' partitarji u anke fil-bini fiżiku tal-każin u llum għandha wieħed mill-akbar każini ġo Malta, komdu sewwa għall-attivitajiet tal-membri tagħha anke jekk dawn tant żdiedu li l-post donnu bilkemm għadu suffiċjenti.

F'dik l-istess sena, jiġifieri fl-1962, ibnu Mro. Philip Gatt inħatar bħala surmast direttur. Matul il-perjodu tiegħu l-Banda San Filep kienet magħrufa għall-programmi mużikali kbar, fl-1963 biex jitfakkru l-100 sena tal-istatwa tal-fidda, fl-1970 lejlet il-festa ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ, ftit tal-ġimgħat wara fil-Belt Valletta fil-festa ta' San Duminku quddiem il-Qorti, fl-

1974 lejlet San Filep festa tar-relikwa u fit-8 ta' Mejju 1976 f'għeluq il-125 sena mit-twaqqif tal-Banda San Filep. Matul iż-żmien tiegħu kkompona għadd ta' xogħlijiet mużikali li jinsabu fl-arkivju tal-Għaqda Każin Banda San Filep. Hu rtira fis-sena 1986.

Matul dan iż-żmien wieħed jagħmel tajjeb li jiftakar fil-ħatra tas-Sur David Farrugia bħala president tal-Għaqda. Taħt it-tmexxija tiegħu ġie ċċelebrat għeluq il-125 sena mit-twaqqif tal-Banda San Filep. Fis-sena 1977 il-Banda San Filep bdiet tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Irxoxt u fl-4 ta' Ġunju 1979 sar il-kuntratt tax-xiri tal-ġnien biswit il-Każin San Filep.

Fis-sena 1980 beda jmexxi bħala president Dr. John Attard Montalto. Il-Banda San Filep bdiet tagħmel il-marċ tal-aħħar. Fix-xahar ta' Lulju 1980 twaqqfet is-Sezzjoni Nisa filwaqt li ħamsa u għoxrin sena ilu, fl-1986, twaqqfet is-Sezzjoni Żgħażagħ b'mod statutorju. Fl-1982 twaqqaf il-permess tal-manifattura tan-nar fil-fabbrika tal-Kandlora minħabba li l-bini residenzjali kien wasal viċin u ngħata bidu bħall-bini ta' oħra f'Ħal Qdieri.


Il-binja tal-każin kif kienet fis-snin tmenin

Min-naħa tal-Banda, f'Settembru 1986, is-Surmast Michael Ciantar ħa l-kariga ta' direttur tal-Banda San Filep. Fl-ewwel ħidmiet tiegħu, is-Surmast Ciantar beda jsaħħaħ l-iskola tal-aljievi. Sa mis-sena 1989 beda jikkomponi xogħlijiet għall-Banda San Filep. Tista' tgħid li kull sena kien jikkomponi xi biċċa mużika ġdida imma żgur li l-aktar li jibqa' mfakkar huwa għan-numru sabiħ ta' bandisti li ħarġu jdoqqu minn taħt idejh peress li huwa għalliem li jaf imur sewwa maż-żgħażagħ. Mro. Michael Ciantar mexxa l-Banda San Filep fil-festeġġjamenti li saru fis-Sannat Għawdex f'għeluq it-300 sena mindu twaqqfet il-parroċċa. Tella' programm mużikali sabiħ f'għeluq il-ħamsin sena mill-għoti tas-*Sword of Honour* lil Lord Gort kif ukoll fiċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Ħaż-Żebbuġ. Illum Mro Michael Ciantar għadu jagħti s-sehem kbir tiegħu fit-tagħlim tal-mużika fit-taqsima ram tal-Iskola tal-Mużika tas-Soċjetà.

Lejn tmiem is-sena 2000 beda jmexxi s-Surmast Raymond Fenech, f'sena b'impenji kbar għall-Banda San Filep li kienet qed tfakkar il-150 sena mit-twaqqif tagħha. Huwa kien mexxa l-Banda San Filep meta fi Frar 2001 ħadet sehem fil-festival internazzjonali *Mandorlo in Fiore* f'Agrigento. Imbagħad idderieġa l-programm mużikali kbir tal-mija u ħamsin anniversarju tal-Banda San Filep, li sar nhar il-Ħamis 31 ta' Mejju 2001 u għamel programm ieħor kbir nhar is-Sibt 9 ta' Ġunju, lejlet il-festa tas-sena 2001. Imbagħad nhar il-21 ta' Diċembru 2001, bħala għeluq tal-festeġġjamenti tal-150 sena tal-Banda, mexxa programm vokali u strumentali li l-Banda San Filep tellgħet ġewwa l-Knisja Parrokjali f'Ħaż-Żebbuġ fejn żanżnet il-kantata "San Filep Ġieħ u Glorja Tagħna," li Mro. Fenech ikkompona fuq il-versi tiegħi.

Nhar it-3 ta' Ġunju 2002 ġiet inawgurata t-tieni estensjoni tal-bini tal-Każin San Filep. Il-Banda San Filep tellgħet programm mużikali mżewwaq b'numru ta' kompożizzjonijiet ta' diversi eks-surmastrijiet diretturi li mexxew il-Filarmonika San Filep matul iż-żmien. F'Novembru 2002 Mro. Raymond Fenech irtira minn surmast direttur tal-Banda San Filep u minfloku nħatar Maestro Richard Bugeja.

Sa mill-ewwel mumenti tiegħu bħala surmast wera li jrid jirrikonoxxi s-servizzi li jagħtu l-bandisti tal-post. Hu kien diġà magħruf fosthom u miġjub minnhom peress li kien għamel diversi snin bħala assistent surmast u għalliem tal-aljievi tas-sezzjoni njam. Kompożitur tajjeb ħafna, Mro. Bugeja sa mill-ewwel programm vokali u strumentali li l-Banda San Filep daqqet taħt id-direzzjoni tiegħu lejlet il-festa, esegwiet biċċa mużika li kkompona hu. Hekk li sal-ġurnata tal-lum ma ħarisx lura u baqa' jwasslilna bċejjeċ mużikali mill-isbaħ li kull sena li nisimgħuhom lejlet il-festa ta' San Filep. Taħt id-direzzjoni tiegħu ndaqqu diversi programmi mużikali f'numru ta' serati kommemorattivi ċċelebrati mis-Soċjetà. Fost dawn il-programmi kbar insibu dak ta' Novembru 2006, ta' għeluq il-155 mit-twaqqif tal-Banda u l-20 sena tas-Sezzjoni Żgħażagħ u dak ta' Novembru 2009 li l-Banda San Filep tellgħet fl-awditorju tal-Kulleġġ tad-Dorotej b'risq ir-restawr tal-faċċata tal-Knisja Arċipretali ta' San Filep.


Dehra riċenti tal-każin waqt il-marċ ta' filgħodu

Fost il-kompożizzjonijiet sbieħ ta' Mro. Richard Bugeja hemm l-"Innu lil Kristu Rxoxt," "Jum il-Patrun," L-Oratorio li sejjer jindaqq aktar tard din is-sena waqt it-tmiem tal-festi tal-160 anniversarju tal-Banda, u l-innu marċ "Lill-Ewwel Banda 160 Sena" li sejjer jindaqq fil-programm speċjali li sejjer isir fil-pjazza nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju bħala parti mill-attivitajiet kbar li qegħdin isiru matul din is-sena tal-160 anniversarju. Naturalment, dan barra l-programm annwali ta' lejlet il-festa.

Fis-sena 2004 tlesta l-proġett kbir ta' kostruzzjoni ta' *basement* u sala ġdida tal-bar li kompliet ssebħet is-sede tal-Għaqda u li hija mill-akbar fost il-każini tal-banda li hawn ġo Malta.

Il-President tal-Għaqda Każin Banda San Filep huwa Dr. Godfrey Farrugia. Huwa magħruf u maħbub sewwa f'Ħaż-Żebbuġ. Dejjem ta ħidma siewja fis-Soċjetà tagħna matul is-seba' snin li ilu fil-ħatra. Bħala president, bix-xogħol u l-pariri tiegħu saħħaħ il-Kamra tan-Nar San Filep u għaqqad lill-artisti tal-armar. Flimkien mal-familja tiegħu ta kontribut kbir biex jiżdied l-istess armar. Huwa wkoll il-fundatur tal-Għaqda Nazzjonali tal-Armar tal-Festi fit-Toroq. Il-President Dr. Godfrey Farrugia, flimkien mal-Kumitat Ġenerali, is-Sezzjonijiet u l-Kummissjonijiet qegħdin iwasslu lill-Għaqda Każin Banda San Filep biex tiċċelebra b'mod speċjali l-festa kbira ta' San Filep, f'għeluq il-160 sena mit-twaqqif tal-Banda San Filep A.D. 1851.

**Biblijografija:**

Schiavone Michael, L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex.
Minuti tal-Għaqda Każin Banda San Filep.
Reġistri tal-Konfraternitajiet fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ.
Bliet u Rħula Maltin – Alf. Guillaumier.
Farrugia, Balzan, Agius, Ġrajja tal-Każin Banda San Filep.
Dun Salv. Ciappara Storja del Zebbug e Sua Parrocchia, 1882.
Ktieb tal-Kaxxier tal-Għaqda Każin Banda San Filep..
J. Vella Bondin, Il-Mużika ta' Malta – Fis-Sekli Dsatax u Għoxrin.
Mons. Joseph Bezzina – L-Istorja tal-Knisja F'Malta.
Robbie Mifsud Bonnici – Kitbiet tiegħu dwar il-Baned Maltin.
Dr. Joe G. Borg – President tal-Għaqda – Kitba tiegħu 1961.

P.P. Castagna, L-Istorja ta' Malta Bil-Gżejjer Tagħha, 1888,
Mariella Attard, Ħaż-Żebbuġ u l-Festa ta' San Filep, 1985.

**Referenzi**

[1] *Libro del Santissima Santa del Rosario* sena 1849.

[2] Kalċedon Mallia intervistat minn Carmelo Mifsud

[3] Esito Straordinario, 1851, Confraternità della Madonna del Carità, Arkivju tal-Parroċċa ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ.

[4] 1854, Arkivju tal-Parroċċa ta' Santa Katerina, iż-Żurrieq.

[5] Esito 1852 u 1853, Confraternità della Madonna del Rosario, Arkivju tal-Parroċċa ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ, "*per la banda musicale della serata e la processione,"*.

[6] *'Esito Venera Lampada'* Festa San Filep 1856-1858, Arkivju Knisja Arċipretali.

[7] Rendikont tal-Festa tal-Lunzjata fil-knisja tagħha, 1857.

[8] *'Esito Venera Lampada'*, Festa San Filep.

[9] Dan il-ħlas ġabru zijuħ, Filippu Galea wkoll, minħabba li Mro Filippo Galea kien għadu kemm siefer il-jum ta' qabel.

[10] Flimkien ma taħrif mogħti minn nies bħal Kalċidon Mallia, Gawdenz Tanti, Ġueppi Micallef, Filippu Azzopardi u oħrajn, li kellhom lil missierhom, zijiethom fil-*Banda di San Filippo* sa mill-ewwel snin, inkella fil-kumitat tas-soċjetà tagħha tal-bidu.

[11] Dun Salv Caruana, San Gawdenz, paġna 61.
Dun Salv Ciappara, Storia Del Zebbug e sua Parrocchia, 1882,'paġna 89.

[12] Meta aktar tard, fl-ewwel kwart tas-seklu għoxrin, l-avversarji ta' din il-banda kienu ħolqu taqbila qasira li tibda bil-kliem "ġejjin tal-patata" li kienu jkantawha b'inkejja mal-introduzzjoni tal-"Innu tal-Banda San Filep" kienu proprju qed jirrikonoxxu dan l-episodju mhux tas-soltu.

[13] Din ir-rakkolta li ħadu ħsiebha Gaetano Attard u Giuseppe Balzan,, saret biex jinxtraw ħmistax-il strument ġdid għall-Banda di San Filippo. Fil-lista ta' donaturi jidhru nies bħal Filippo u Angelo Galea, Andrea Borg, Filippo Scerri (prokuratur tal-Knisja Arċipretali), Michle Balzan, Antonio Pisani, ...

[14] Fir-reġistri tal-Parroċċa ta' Ħa-Żebbuġ, Filippo Galea jissemma almenu disa' darbiet bejn is-snin 1846 u 1861 u fi tlieta minnhom jissemma miegħu isem il-*Banda di San Filippo* (fl-1851, 1856 u l-1857).

[15] Dun Salv Caruana, L-Istatwa ta' San Filep t'Aġġira, 1988, p 8. Dan il-ġbir ta' flus għal statwa tal-fidda ta' San Filep kien sar bejn Jannar tal-1860 u Mejju tal-1864.

[16] F'April 1864, l-Arċipriet Francesco Borg kiteb ittra ta' radd il-ħajr lis-*Società della Banda di San Filippo* għall-għajnuna li kienu taw il-membri tagħha fil-ġbir ta' flus għall-istatwa tal-fidda.

[17] Dun Salv Ciappara, Storia Del Zebbug e sua Parrocchia, 1882, f'paġna 94, kiteb li "Il-lum l-alljevi l-antiki saru huma wkoll maestri billi qed jgħallmu lil ħaddieħor."

[18] *Il Portafoglio Maltese*, tad-9.05.1865, jissemma li nhar il-festa ta' San Filep daqqew żewġ baned, waħda mmexxija minn Indri Borg u oħra magħmula minn bandisti tal-*Hibernia* u oħrajn mill-banda tal-artillerija Maltija.
Il-Ħabbar tal-29.5.1891 issemmi li nġabet il-Banda Militari ingliża tal-Welsh.
*Il Verità* tad-19.05.1894, irrapportat li waħda mill-erba' baned għal nhar il-festa kient ta' reġiment.

[19] Tagħrif mogħti minn Gawdenz Tanti f'intervista ma Philip Agius.

[20] *Il Portafoglio Maltese*, tad-9.05.1865.

[21] Is-sentenza tal-Qorti kienet imxandra fil-Corriere Mercantile Maltese tal-15 ta' Mejju 1868.

[22] Dun Salv Caruana, Il-Palk Skorfina, ħerġa speċjali, 12th May Band & Social Club, 31.05.1997.

[23] Ħarġa tad-29 ta' Lulju 1874.

[24] Arkivju tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, Esito Venere Lampada "*Al Procuratore quale contribuzione per la festa"* .....

[25] Id-Dawl, 15.11.1888

[26] Dun Salv Caruana, Il-Palk Skorfina, ħerġa speċjali, 12th May Band & Social Club, 31.05.1997.

[27] Fl-1878 kien inqala' nkwiet fil-parroċċa u fi ħdan is-Soċjetà tal-Banda u dak li kien il-president tal-Banda, Mikiel Anġ Debono telaq u fforma banda oħra, il-*Banda Del Zebbug*.
M.A. Debono kien president tal-Banda San Filep sal-1876 u wara din is-sena telaq lil din il-banda minħabba kwistjoni interna u waqqaf il-*Banda Del Zebbug*. Wara numru ta' snin din il-*Banda Del Zebbug* mietet u xi żmien wara nibtet il-Banda De Rohan li ħadet il-bandisti u l-istrumenti li kellha l-*Banda Del Zebbug*. L-ewwel darba li ltqajna ma' isem il-Banda De Rohan huwa fil-Guida Generale tal-1893 waqt li fl-arkivju tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ kien fis-sena 1908 fir-reġistru tad-Duluri.